**Minuti tat-Tnejn u Ħamsin-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2010 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Charles Said informa lis-Segretarju Eżekuttiv bil-miktub li hu ma setax jattendi għall-laqgħa.

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 51 ġew ikkoruġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Suq fil-Miftuh.** Il-Kunsill reġa ddiskuta s-suq fil-miftuh. Maria Natoli qalet li qed ikun hemm ilmenti mir-residenti dwar is-suq peress li t-toroq fejn ikun is-suq ikunu magħluqin għat-traffiku fil-ħinijiet tas-suq. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill ġie mitlub sabiex issib post ieħor għas-suq. Il-Kunsilliera ssuġġerew Triq il-Madonna ta' Fatima (fejn il-belvedere) jew Triq l-Arcipriet Saver Cassar (fejn it-Torri ta' Kenuna). Dawn issuġġerimenti għandhom jintbagħtu lill-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi.

4. **Latrina fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot.** Il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. avża lill-Kunsill li għad fadal bilanċ li jrid jitħallas mill-Kunsill fuq il-kostruzzjoni tal-latrina ta' Daħlet Qorrot. Għandha ssir laqgħa miegħu u l-contract manager tal-Kunsill sabiex din tiġi vverifikata .

5. **Toroq bl-Iskema PPP.** Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur, perit tal-Kunsill u l-inginier ta' l-ilma sabiex jiġi diskuss il programm tax-xogħolijiet of works għat-toroq li ser issiru bl-iskema tal-PPP. Din il-laqgħa ser issir għada, l-Erbgħa fl-10 ta' filgħodu.

6. **Harġa għall-Anzjani.** Ser issir ħarġa għall-anzjani nhar il-Ħamis 7 ta' Ottubru fl-4 ta' wara nofsinhar. Il-ħarġa ser tkun quddiesa fil-kappella tas-sorijiet f'Marsalforn u ikla/tombla f'ristorant fil-qbajjar.

7. **Laqgħa dwar il-kaz ta' Caroline Debono vs. Kunsill Lokali.** Ser issir laqgħa fl-uffiċċju ta' l-avukat Dr. Georgine Grech sabiex jiġu issetiljat il-każ. Din il-laqgħa ser issir għada fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

8. **Proġett tal-Pjazza.** Is-Sindku Miriam Portelli attendiet il-board meeting fil-MEPA dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex issir embellishment fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-MEPA għandha bżonn permess mingħand it-Transport Malta qabel ma tkun tista' tipproċedi dan il-permess.

9. **Christmas Market.** Saret laqgħa mal-għaqdiet tal-festa dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Christmas Market. Iżda kien hemm numru ta' għaqdiet li ma rċevewx l-aġenda ta' din il-laqgħa fil-ħin. Minn dawk li attendew jidher li hemm interess iżda għandhom jagħmlu l-kuntatti. Ġie deċiż li issir laqgħa oħra fil-ġimgħat li ġejjin.

10. **Laqgħa tac-Charter.** Ser issir laqgħa ma' dawk il-persuni li attendew laqgħat tac-Charter sabiex jibda jiġi ppjanat il-laqgħa tac-Charter li ser issir fin-Nadur f'Settembru 2011. Il-laqgħa tac-Charter li jmiss hija dwar il-persuni anzjani. Minn Nadur għandhom jattendu s-Sindku Miriam Portelli u Gemma Zammit peress li din tmexxi id-Day Centre ta' l-Anzjani.

11. **Korrispondenza.**

(2722) Ittra minn A. Portelli dwar bankini fi Triq il-Knisja
(2723) Email dwar hsarat li saru allegament fuq karrozza waqt xoghol tal-Kunsill
(2724) Memo dwar korsijiet tal-life long learning
(2725) Ittra mid-Dipartiment tal-Customer Services dwar kors tal-lifelong learning
(2726) Ittra mid-Dipartiment Proprejta' tal-Gvern dwar restawr tas-salib
(2727) Ittra mill-MEPA dwar UIF tat-tapiti fil-playing field tal-Hali
(2728) Ittra minghand Dun Dumink Camilleri dwar monumenti fin-Nadur
(2729) Stima minghand Gatt Group of Companies dwar Triq ta' Said
(2730) Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Inizjattiva Lokalitajiet Indaf
(2731) Email minghand Water Services Corporation dwar Triq Dicembru 13
(2732) Email minghand il-MEPA dwar UIF fi Sqaq fi Triq Dun Bernard Haber
(2733) Ittra minn Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Xandriku
(2734) Ittra minn Transport Malta dwar Crash Barriers fi Triq Dicembru 13
(2735) Ittra mis-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar kuncert ta' San Koronatu
(2736) Memo 126/2010 Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund
(2737) Kodici ta' Prattici tajba ghall-produzzjoni ta' films fil-lokalitajiet
(2738) Memo 124/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2739) Memo 123/2010 Mistoqsija Parlamentari
(2740) Memo 122/2010 Ikliet/Ricevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali
(2741) Email mingħand Paul Vella Haber dwar Jum Internazzjonali kontra l-faqar u eskluzzjoni socjali

12. **Bankini fi Triq il-Knisja.** Il-Kunsill irċieva lment dwar il-bankini ġodda li hemm fi Triq il-Knisja. F'dan l-ilment issemma d-diversi rampi li hemm u li dawn mhux komdi biex timxi fuqhom. Il-Kunsill għandu jgħaddi dan l-ilment lill-Gvern Centrali peress li dawn il-bankini jinsabu fil-parti tat-triq li hija arterja.

13. **Ilmenti.** Il-Kunsill irċieva ilmenti dwar imblokkar ta' bankina minħabba qsari u affarijiet oħra. Irċieva wkoll ilmenti dwar siġar speċjalment tal-bajtar li qabzu l-barra mil-ħitan u qed ikunu ta' periklu għal nies li jimxu fit-triq kif ukoll ta' ħsara għall-karrozzi. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ avviż mal-bulletin dwar dawn.

14. **Inċident fi Triq ta' Xħajma.** Il-Kunsill ma rċieva l-ebda notifika dwar l-incident tat-8 ta' Gunju fejn Tereża Debono qed tallega li saritilha ħsara fil-windscreen tal-van tagħha.

15. **Life Long Learning.** Il-Kunsill ġie avżat li ser issiru korsijiet tat-Taljan fin-Nadur. Irrid jindika fejn ser issir dan il-kors. Il-Kunsilliera qablul li l-kors issir fil-kamra ta' fuq il-berġa tan-Nadur.

16. **Monumenti.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Dumink Camilleri dwar il-monument tal-Gwerra fil-kantuniera ta' Triq it-Tramuntana ma' Triq it-Tiġrija. Dan tpoġġa f'postu. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jieħu ħsieb manutenzjoni tal-lapidi ta' madwar il-monument kif ukoll biex jagħmel xi fanali. Uħud mis-suġġerimenti kienu diġa ġew imwettqa mill-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu ħsieb il-monumenti li saru minnu u/jew li jaqgħu taħt ir-risponsabbilita' tal-Kunsill.

17. **Triq ta' Said.** Il-problema ta' l-ilma tax-xita ġiet agħar milli kienet meta l-kuntrattur Gatt Asphalting prova jirranġa l-problema. Il-Kunsilliera talbu sabiex il-contract manager jagħti rapport dwar din it-triq. Il-Kunsill għandu jinkariga perit independenti biex jara din it-triq kif tista' tittranġa.

18. **Kontijiet Pendenti.** Il-Kunsill ġie ppreżentat kontijiet tas-sena 2002 dwar PA system. Dawn il-kontijiet mhumiex skond il-kwotazzjonijiet. Il-kuntrattur kien tħallas skont il-kwotazzjoni. Il-Kunsill ma approvax dawn il-kontijiet.

19. **Zwieġ fi Gnien ta' Kenuna.** Il-Kunsill intalab permess biex issir żwieġ fi Gnien ta' Kenuna fit-2 ta' Mejju 2011. Mhux ser issir reception f'dan il-post. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

20. **Kunċert tal-Banda.** Is-Soċjeta Filarmonika Mnarja talbet lill-kunsill sabiex jisponsorja il-kunċert tal-banda fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Koronatu. Il-Kunsill ma qabilx peress li dan immur kontra l-liġi tal-Kunsill. Is-Soċjeta qed tingħata diversi possibilitajiet sabiex tagħmel fund raising waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

21. **Community Chest Fund.** Il-Kunsill intalab bies jagħmel attivita bejn is-19 u 21 ta' Novembru b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li waqt il-Christmas Market hemm probabilita li jiġi il-grupp "VOICES" u jagħmlu kunċert. Waqt dan il-kunċert hemm ħsieb li ssir ġabra għal Community Chest Fund.

22. **Torri Sopu.** Din l-Art Ħelwa għamlet applikazzjoni mall-MEPA biex tirranġa il-bejt tat-Torri Sopu peress li dan qed jagħmel l-ilma u qed issir ħsara fit-Torri. Il-MEPA talbet li l-Kunsill inneħħi l-passaġġ li hemm madwar il-barriera qabel ma jingħata l-permess għal din l-applikazzjoni.

23. **Jum Internazzjonali Konta l-Faqar u Eskluzzjoni Soċjali.** Is-Sindku rċievet korrispondenza sabiex issir attivita nhar il-Ħadd 17 ta' Ottubru biex tfakkar il-Jum Internazzjonali Kontra l-Faqar. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li ssir attivita għal dan il-għan. Is-Sindku għandha tkellem lill-Arċipriet dwar dan.

24. **Resurfacing Triq Diċembru 13..** Il-Kunsill irċieva rapport mingħand il-Contract Manager, Galea Curmi Engineering Consultants dwar l-offerti ta' Triq

Diċembru 13. Huma rrakamondaw li din l-offerta tingħata lir-Road Construction Co. Ltd. Dawn għandhom l-aktar prezz vantaġjuż li huwa ta' €82,555.30. Il-Kunsilliera qablu li fejn hemm il-pedestrian crossings f'din it-triq għandhom isiru bil-paving blocks.

**25. Jum il-Kunsill.** Il-Kunsill għamel programm tentattiv għall-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill:

Il-Gimgħa 19 Ta' Novembru – Ftuħ ta' esibizzjoni fis-Sala Joe Tabone

Is-Sibt 20 ta' Novembru Renactment fi Pjazza San Pietru u San Pawl
Premju Ġieħ in-Nadur u Reception għall-membri tas-Sotto Kumitati

Il-Ħadd 21 ta' Novembru Blood Drive u Quddiesa ta' Radd il-Ħajr.

Ġie diskuss hux ser jiġi mistieden is-Sindku ta' Cicciano f'din l-okkazzjoni peress li din is-sena il-ġemellaġġ bejn dawn iż-żewġ pajjiżi jagħlaq għaxar snin. Il-Kunsill ġie informat li bħal issa m'hemmx kunsill f'Cicciano u l-lokal qed jitmexxa minn Kummissjarju. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma xi persuni minn Cicciano sabiex nistaqsu jekk hemmx uffiċċjal inkarigat. Jekk m'hemmx sindku bħal issa iċ-ċelebrazzjoni ta' l-għaxar anniversarju tal-ġemellaġġ jiġi ċċelebrat aktar il'quddiem meta jkun hemm Sindku.

**26. Proġetti tal-Kunsill.** Bħal issa l-Kunsill għandu diversi proġetti pendenti.

Resurfacing ta' Triq Dicembru 13
Resurfacing ta' tmien toroq taħt l-iskema tal-Public Private Partnership
Restawr tas-Salib tal-Pjazza
Embellishment fi sqaq fi Triq Dun Bernard Haber

Dawn ix-xogħlijiet kollha eminenti biex jibdew

**27. Affarijiet Oħra.** Maria Natoli qalet li hemm bżonn li s-sinjali sofor fi Triq it-Torri ta' Kenuna jerġgħu jinżebgħu għaliex m'għadhomx jidhru. Jonathan Buttigieg semma l-passaġġ tal-Gebel l-Aħmar biex issir bil-konkos. Jonathan Buttigieg semma wkoll li hemm bżonn ta' tindif ta' passaġġ taħt is-sies ta' Daħlet Qorrot. Għandha ssir ir-rampa tal-passaġġ ta' Paul Cauchi.

**28. Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9666 | Raymond Vella | 150.00 | Carnival Group |
| 9667 | Maltapost plc | 19.00 | Stamps |
| 9668 | Maltapost plc | 19.00 | stamps |
| 9669 | Joseph Rapa | 130.40 | construction of pavement |
| 9670 | Borg Aluminium Ltd. | 46.58 | repair of Merhba sign |
| 9671 | Michael Refalo | 70.00 | cleaning of cesspit |
| 9672 | ARMS Ltd. | 352.13 | electricity |
| 9673 | Caroline Debono | 5470.87 | settlement of court case |
| 9674 | Horizon Bar & Restaurant | 273.00 | elderly outing |
| 9675 | Miriam Portelli | 344.33 | Mayor's Allowance |
| 9676 | Smart Office Supplies Ltd. | 77.67 | toner |
| 9677 | Local Council's Association | 30.00 | Mayors Meeting |

| | | |
|---|---|---|
| 9678 PL Davina Sullivan | 31.59 | Nicky Saliba case |
| 9679 Segretarju Permanenti OPM | 75.00 | advert |
| 9680 Gatt Tarmac Ltd. | 836.95 | patching material |
| 9681 Portelli Print | 232.46 | printing & envelopes |
| 9682 Joe Mifsud | 129.20 | August Public gardens |
| 9683 Miriam Portelli | 136.50 | reimburseement for children's outing |
| 9684 Pro Stage Sound | 2000.00 | Wine Festival PA system |
| 9685 Joseph Camilleri | 4.40 | operating material |
| 9686 Anthony Mercieca | 185.70 | bulky refuse |
| 9687 Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 721.51 | contract manager resurfacing |
| 9688 Gatt Tarmac Ltd. | 13188.64 | Resurfacing Dun Bernard Haber St |
| 9689 Joseph Mercieca | 525.00 | Security Wine Festival |
| 9690 Anthony Mercieca | 80.00 | skips wine festival |
| 9691 GO plc | 159.08 | telephone & fax lines |
| 9692 Oliver Farrugia | 270.00 | signs |
| 9693 Alfred Portelli | 70.00 | Wine Festival entertainment |
| 9694 Joseph Cauchi | 223.00 | public garden & Public convenience |
| 9695 Menhir Qala Folk Group | 100.00 | Wirja Agrarja Entertainment |
| 9696 Peter Paul Buttigieg | 49.00 | Internet updating |
| 9697 Ines Buttigieg | 298.35 | child day centre |
| 9698 Lucienne Said | 561.60 | child day centre |
| 9699 Maria Debono | 526.50 | child day centre |
| 9700 Amanda Camilleri | 462.00 | child day centre |
| 9701 Regjun ta' Ghawdex | 233.00 | ERY |
| 9702 MEPA | 23.29 | PA3855/10 |
| 9703 Rita Mifsud Attard | 1540.41 | September salary & weekly allowance |
| 9704 Sue Ellen Bugeja | 1078.77 | September salary & weekly allowance & qualification allowance |
| 9705 Saviour Xiberras | 1013.93 | September salary & weekly allowance |
| 9706 CIR | 1240.62 | September |
| 9707 Department of Information | 9.32 | quote adverts |
| 9708 Nadur Local Council | 116.39 | petty cash |
| TOTAL | €33,105.19 | |

Il-laqgħa ntemmet fid-9:45 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 11 t'Ottubru fis-7:30 p.m.